MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 308/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Glenn Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Glenn Bezzina talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' April 2005.

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstacy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi,

Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba tittratta ma’ l-imsemmi Glenn Bezzina talli kiser sentenza ta’ habs [***recte:*** *prigunerija*] sospiza u ordni ta’ *probation* imposti b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-11 ta’ Gunju 2004, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Settembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-Regolament 3(1) ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985, l-artikoli 40A, 120A(a)(a), 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, l-artikolu 28A u l-artikolu 28G tal-Kap. 9 sabet lill-imsemmi Glenn Bezzina hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ddecidiet billi (a) dwar it-tielet imputazzjoni gabet fis-sehh it-tnax-il xahar li kienu sospizi fis-sentenza tal-11 ta’ Gunju; 2004 u waqqfet l-ordni ta’ supervizjoni moghtija skond l-artikolu 28G tal-Kap. 9 ai termini tas-subartikolu (5) ta’ l-istess artikolu, u (b) dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 u l-fedina penali inkwetanti ta’ l-appellant (allura imputat), ikkundannatu sentejn habs [***recte:*** prigunerija] u multa ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) li tista’ tithallas b’rati ta’ tletin lira (Lm30) fix-xahar bl-ewwl pagament isir erba’ gimghat mid-data tas-sentenza appellata u fin-nuqqas ta’ hlas ta’ xi pagament il-bilanc ikun dovut f’daqqa u jekk xi parti ma tithallasx din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull hames liri (Lm5) mhux imhallsa. Mill-perijodu ta’ prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien

kollu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv. L-ewwel Qorti ordnat ukoll li l-appellant ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura mill-Qorti ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 liema spejjez jammontaw ghal Lm165.50, kif ukoll ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Glenn Bezzina pprezentat fit-2 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hat ital-pussess semplici ta' medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) u ta' droga specifikata (kokaina), thassarha u tirrevokaha sia in kwantu sabitu hati ta' l-aggravant li tali droha nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu personali tieghu b'dan li tehilsu u tilliberah minnu, u thassarha u tirrevokaha anke in kwantu ordnat li tigi fis-sehh sentenza sospiza ta' tnax-ilx ahar u kkundannatu ghals entejn ohra prigunerija b'dan li tikkundannah ghal dik il-piena li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi meta kkonkludiet illi d-droga misjuba ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu; (2) il-piena hi fic-cirkostanzi esagerata.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi malli tressaq quddiem l-ewwel Qorti, huwa qabad u ammetta li kien fil-pussess tad-droga izda sostna li din kienet ghalih biss. Jghid illi ammont sostanzjali ta' droga mhux necessarjament jikkostitwixxi prova li dik id-droga kienet intiza li tigi traffikata. Skond l-appellant, meta jkollok akkuzat li jibqa' jinsisti li tali droga kienet ghall-uzu personali, u ma tezisti ebda cirkostanza ohra li turi li tali droga kienet ser tigi traffikata, wiehed jistaqsi: "Seta' bniedem ivvizjat jasal li jixtri tali ammont biex jissodisfa l-

kilba tieghu biss ghal din id-droga?" Jghid illi meta bniedem jinsab fil-pussess ta' xi nofs kilo droga jew mijiet ta' pilloli, ma tistax ma tikkonkludix li dan ma kienx ser jehodha wahdu izda fil-kaz in ezami si trattava ta' erba' qratas kokaina u 24 pillola ecstasy li mhix haga ta' barra minn hawn li persuna wahedha tikkunsmahom fi ftit gimghat. Hawn l-anqas ma hu l-kaz li l-appellant kellu fuqu ammont sostanzjali ta' flus jew qratas li ghadhom mhux ippakkjati u ghalhekk l-ammont in kwistjoni wahdu ma jwassalx biex il-verzjoni ta' l-appellant ma titwemminx fuq bazi ta' probabbilita`.

Dan jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Issa mill-provi jirrizulta illi ghall-habta tas-2.00 a.m. tat-3 ta’ April 2005, l-appellant gie arrestat minn gor-Red Square night club gewwa Paceville wara li minn tfittxija fuqu mill-Pulizija nstabulu 24 pillola ecstasy u erba’ qratas bil-kokaina (kif irrizulta li kienu minn ezami forensiku mill-Ispizjar Mario Mifsud). P.S. 1044 Gordon Calleja kien akkompanjat minn P.C. 351 Joseph Borg u W.P.C. Andrea Grech. P.S. 1044 xehed illi dahlu fit-toilets ta’ l-irgiel fejn raw moviment suspettuz u go cubicle minnhom deher li kien hemm aktar minn persuna wahda. Ippruvaw jidhlu u sabuh imsakkar, habbtu u identifikaw ruhhom u wara ftit sekondi l-bieb infetah. Fil-cubicle kien hemm l-appellant u zewg persuni ohra. Minn tfittxija maghmula fuq l-appellant minn P.C. 351, giet elevata d-droga msemmija minn gol-but tal-qmis tieghu. Fuq il-persuni l-ohra ma nstabitx droga izda minn fuq persuna minnhom (certa Monique Borg) gie elevat flixkun *poppers*. Dak il-hin fil-lokal kien hemm muzika ghaddejja u kien hemm kwantita` konsiderevoli ta’ nies. P.C. 351 u W.P.C. Grech ikkonfermaw is-sejba tad-droga u P.C. 351 qal li pillola minnhom kienet go *tissue*.

Meta l-appellant gie interrogat mill-Pulizija, ma wiegeb ghall-ebda domanda li saritlu hlief ghal jekk jahdimx u ghal liema domanda wiegeb li ghadu bla xoghol. Pero` xehed quddiem l-ewwel u Qorti spjega li d-droga li nstabet fuqu kien xtraha minghand persuna li ma xtaqx imsemmi min kienet u xtraha ghall-uzu tieghu. Kien xtara kollox ghall-prezz ta’ Lm50 dakinhar stess minn stabbiliment iehor bl-isem ta’ “Places”. Qal li meta kien ir-Red Square dahal fit-toilet biex jaghmel uzu mill-kokaina u sab lil Monique Borg li jafha minn wiccha. Il-bieb kien miftuh u dahal sabiex jaghmel uzu. Hi qaltlu ha taghlaqlu l-bieb ma jmurx jigi xi hadd; u fil-fatt waslu l-Pulizija. Qal li kien ghamel programm ta’ rijabilitazjoni minhabba l-vizzju ta’ l-eroina izda xi xahar qabel ma nqabad kellu dak li ddeskriva bhala “*relapse* zghir” bi droga li, skond hu, mhux *addictive*. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jiftakarx li fil-prezentata kien gie mistoqsi jekk qattx kellu problema bl-ecstasy u huwa rrisponda li bid-droga ecstasy qatt ma kellu problema, wiegeb li ried ifisser li l-ecstasy mhux *addictive* bhalma, skond hu, hi l-kokaina. Mistoqsi mill-

Qorti meta kellu problema bl-ecstasy, wiegeb li “qisu” meta kien zghir saz-zmien li ghamel il-programm imbaghad l-ahhar xahar qabel ma nqabad. Insista li xtara kollox ghal Lm50 ghax qal li kien *worth it* u li “dawn naghmel tliet darbiet ohra bihom”. Mistoqsi mill-Qorti kemm kien jiehu ecstasy bejn wiehed u iehor fil-lejl ta’ *party* wiegeb li kien jiehu tmienja. Kien ghamel programm ta’ sena u nofs u dam *clean* minn Ottubru 2004 sa Frar 2005.

Issa, minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti kkunsidrat aktar minn semplicement il-kwantita` ta’ droga biex waslet ghall-konkluzjoni li ma kenitx ghall-uzu esklussiv ta’ l-appellant. Hija fil-fatt qalet hekk:

**“Il-Qorti tinnota dawn l-elementi:**

**(a) in-numru ta’ ecstasy – 24;**
**(b) u li l-qratas tal-kokaina jiznu kwazi ndaqs b’purita` sostanzjali;**
**(c) li din id-droga kollha nstabet waqt party;**
**(d) mhix temmen ukoll li f’daqqa wahda l-imputat beda jiehu tmien pilloli f’lejl wiehed meta qabel ma jidhirx li kien hemm problema b’din id-droga. Il-kaz ta’ l-accelerazzjoni drammatika tal-vizzju mhix hlief skuza fjakka;**
**(e) il-Qorti wkoll mhix qed tara bhala attendibbli li l-imputat kellu din id-droga kollha ghax kien sabha bi prezz baxx u li kien ghadu kemm xtraha. Prattikament mill-mod kif gab ruhu l-imputat waqt id-deposizzjoni tieghu, jidher li dawn l-asserzjonijiet huma biss skuzi biex ixejnu l-imputazzjonijiet ta’ pussess aggravat u mhux ghax ghandhom mill-verita`. Ghalhekk ma taccettahomx bhala spjegazzjoni adegwata.”**

Din il-Qorti kkunsidrat il-provi li ghalihom saret referenza u provi ohra li jirrizultaw mill-atti, kif ukoll ikkunsidrat is-sottomissjonijiet *in iscritto* u orali tad-difensuri tal-partijiet. Ikkunsidrat ukoll li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` tqis “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda, u b'mod

partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda" u "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9).

Minn ezami tal-provi hija tal-fehma li l-allegazzjoni ta' l-appellant li huwa kien jiehu tmien pilloli ecstasy f'lejl wiehed hija inverosimili. Fil-fatt dan semmai jikkontradici l-asserzjoni tieghu stess li l-ecstasy mhix *addictive*. Huwa inverosimili wkoll li 24 pillola ecstasy u erba' qratas kokaina jakkwistahom ghal Lm50. Ic-cirkostanzi li fihom nstabet id-droga ghand l-appellant – il-kwantita`, il-hin, il-post, l-attivita` li kienet ghaddejja – jaghmlu l-istorja ta' l-appellant dik li bl-Ingliz tissejjah *"a cock and bull story"*. Jekk verament kien xtara d-droga dik il-lejla stess u kien intenzjonat juzaha hu stess matul perijodu ta' ftit gimghat, ma kienx jaghmel sens li jibqa' jdur Paceville biha kollha fil-but u sahansitra jmur *party*. Ghalkemm mill-fedina penali ta' l-appellant ma jirrizultax li qatt kellu proceduri kontra tieghu qabel ghal reati simili, il-fatt li ghamel programm ta' rijabilitazzjoni minhabba problema ta' droga jfisser li kien jaf li huwa kellu fuqu oggett mill-aktar inkriminanti. Din il-Qorti ma setghetx ma tinnutax ukoll il-lista ta' SMSes mehudin minn fuq il-mobile ta' l-appellant fejn hemm xi uhud reminixxenti tad-diskors li jintuza fil-kamp ta' l-abbuz u traffikar tad-droga, bhal per ezempju SMS datat 6 ta' Marzu 2005 li jghid: "Glenn taqdina xi haga al issa?" In konkluzjoni ghalhekk din il-Qorti tghid li l-verzjoni li ta l-appellant ma hijiex attendibbli.

Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal biex tikkonkludi li l-appellant kien hati ta' l-imputazzjonjiet dedotti kontra tieghu bl-aggravanti kif dedotti u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dik ta' l-ewwel Qorti.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li huwa vittma tad-droga, ikkombattiha u minn zmien ghal zmien ikollu jerga' jikkombattiha. Il-*probation officer* tieghu

osservat li kien ghamel sforz genwin biex din il-problema tingheleb. Ghandu talent li l-ewwel Qorti stess inkoraggietu jsegwi, talent li ma jistax isegwi fil-habs. L-ewwel Qorti, jghid l-appellant, setghet estendiet il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza flok ikkonvertietha. Tliet snin prigunerija jaqtghu qalb persuna li tkun qed tifittex li tohrog it-tajjeb minn go fiha. Fil-habs sejjer ikun espost ghal persuni u esperjenzi tat-triq il-hazina u f’ambjent fejn il-kant liriku x’aktarx mhux apprezzat u ghalhekk sejjer igerrxu mill-hajra li jkompli jizviluppa dan it-talent.

In materja ta’ piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

F’dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi ghaliex kemm skond l-artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 kif ukoll skond l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, il-piena mandatorja hija dik ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas inqas minn mitejn lira (Lm200) u mhux izjed minn hamest elef lira (Lm5,000). Inoltre, kemm skond l-artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 kif ukoll skond l-artikolu 22(9) tal-Kap. 101, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 21 u 28A tal-Kap. 9 u dawk ta’ l-Att dwar il-*Probation* ma humiex applikabbli ghal persuna li tkun hatja tar-reati kif gie misjub hati l-appellant. Dan ifisser li idejn il-Qrati f’kazijiet bhal dawn huma marbutin u trid bil-fors tinghata piena karcerarja.

Mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellant imbaghad jirrizulta illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta’ Frar 2003 huwa kien inghata sentenza ta’ sitt xhur prigunerija sospiza ghal sentejn wara li kien instab hati dwar serq u tentattiv ta’ serq minn hanut u hsara volontarja fl-istess hanut, b’sentenza ohra tal-Qorti tal-

---

2 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Magistrati tad-19 ta’ Novembru 2003 gie kkundannat ihallas multa ta’ Lm280 u sospiz ghal sena mil-licenzji tieghu tas-sewqan wara li nstab hati, *inter alia*, ta’ sewqan ta’ vettura minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ sigurta`, u b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-11 ta’ Gunju 2004 gie kkundannat tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn wara li nstab hati ta’ serq minn go vettura u hsara volontarja fl-istess vettura u talli kellu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar minghajr ma ta kont soddisfacenti ghalihom. Permezz ta’ din l-ahhar sentenza kien tqieghed ukoll taht ordni ta’ supervizjoni ghal zmien sena. Minn dan jidher illi l-Qrati taghna diga` taw lill-appellant opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu izda sahansitra ma gharafx juzufruwixxi l-beneficcju ta’ l-ordni ta’ supervizjoni, tant illi dawn ir-reati gew kommessi matul l-istess perijodu. Filwaqt illi din il-Qorti tapprezza illi min ikun xi darba qabad il-vizzju tad-droga jista’, anke wara programm ta’ rijabilitazzjoni, ikollu *relapse*, il-kaz odjern ma jistax jigi trattat leggerment. Barra minn hekk, kuntrarjament ghal dak allegat minnu fir-rikors ta’ appell tieghu, mix-xiehda ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon, li kienet l-ufficjal sorveljanti ta’ l-appellant, kien hemm persuna li kienet qed tmur tghallmu b’xejn il-habs.

F’dawn ic-cirkostanzi anke t-tieni aggravju huwa respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, izda peress illi rrizulta quddiem l-ewwel Qorti li, wara dan il-kaz, l-appellant kien ghamel sforzi sabiex jibqa’ mbieghed mill-vizzju tad-droga u anke qieghed jizviluppa t-talent tieghu tal-kant liriku, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin biex, apparti li l-appellant jerga’ jinghata l-facilita` li jkompli jizviluppa tali talent, minnufih jinghata l-kura u terapija necessarja minhabba l-problema tad-droga permezz ta’ programm residenzjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------